# Kif tista' tiffranka Spejjeż Bankarji

## Ħallas permezz tal-BOV Cards, BOV Pay u BOV Mobile to Mobile Payments

Ħu kontroll tal-finanzi tiegħek u agħżel is-servizzi ta' bankarji self-service permezz tal-BOV Internet Banking u l-BOV Mobile Banking

Naqqas l-użu taċ-ċekkijiet u l-flus kontanti – jekk verament għandek bżonnhom, uża l-BOV ATMs fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata.

## KONTIJIET BANKARJI

| Tariffi riveduti mill-1 ta' Settembru | Għajnuna dwar kif tista' tiffranka l-flus fuq it-tariffi |
|---|---|
| **Dormant Account** - €35.00 fis-sena fuq kull kont - **Tariffa Temporanjament Sospiża**<br><br>Kontijiet ta' Depożitu li ma sarx użu minnu / ma sarx ġbid minnu jew depożiti fih għal perjodu ta' sentejn<br><br>Ma tapplikax fil-każ ta' Young Savers Account, Basic Payment Accounts, Portfolio Investment Accounts u Fixed Term Deposit Accounts | Tħallix il-kontijiet wieqfin għal sentejn. **Użahom**.<br><br>Tista' tiġbed u tiddepożita. Jekk m'għandekx bżonn iżjed tal-kont tiegħek, għalqu billi tmur fil-Fergħa tiegħek. |
| **Combined Accounts Average Book Balance** inqas minn €200.00 jew f'munita barranija. - **Tariffa Temporanjament Sospiża**<br><br>€10.00 kull tliet xhur għal kull klijent<br><br>Tapplika għal Savings Accounts u Call Accounts fil-munita Ewro jew f'muniti barranin eż: €200.00, GBP200, USD 200 etc.<br><br>Ma tapplikax fuq BOV Club Accounts, Young Savers Accounts u Basic Payment Accounts. | Il-kontijiet tat-tfaddil tiegħek għandu jkollhom total medju ta' €200.<br><br>Iddepożita biżżejjed flus fil-kontijiet tiegħek.<br><br>Jekk per eżempju għandek żewġ kontijiet tat-tfaddil u għandek bżonnhom it-tnejn li huma, trid taċċerta li jkollok total ta' €400 bilanċ kull tliet xhur. Tista' tqassam it-total kif trid Eż: €300 f'Kont A u €100 f'Kont B. |
| **Early Closure Charge** – €10.00<br><br>F'każ li kont jingħalaq f'inqas minn sitt xhur minn meta jkun infetaħ. | Ħalli l-kont attiv għal mill-inqas sitt xhur minn meta jkun infetaħ. |
| **Statement requests**<br><br>Talbiet għal rendikonti addizzjonali stampati (aġġornament mill-aħħar Rendikont uffiċjali li jkun ġie stampat):<br><br>€1.50 għal kull Rendikont stampat<br><br>Talbiet għal Rendikonti passati:<br>• Mill-Fergħa - €1.50 kull paġna stampata<br>• Mill-Internet Banking (24x7) - €1.25 kull paġna stampata | Kull xahar int eliġibbli għal rendikont aġġornat stampat b'xejn. Ħu ħsieb żomm dan ir-rendikont f'post sigur għall-meta tiġi bżonnu.<br><br>Għandek bżonn iktar? Iċċekja l-lista ta' tranżazzjonijiet mingħajr ħlas permezz tal-Internet Banking. Rendikonti jinsabu wkoll għad-dispożizzjoni fuq il-BOV Internet Banking.<br><br>Tista' taċċessa r-Rendikonti b'mod elettroniku:<br><br>1. Illogja fuq il-BOV Internet Banking<br>2. Agħżel 'Flus Tiegħi'<br>3. Klikkja 'Nara Kopja ta' Rendikont'<br>4. Agħżel il-Kont Bankarju li trid u l-perjodu li għandek bżonn<br>5. Ara l-lista, issejvja bħala pdf, printja jew ordna rendikont uffiċjali |

## CHEQUE-BASED PAYMENT SERVICES

| Tariffi riveduti mill-1 ta' Settembru | Għajnuna dwar kif tista' tiffranka l-flus fuq it-tariffi |
|---|---|
| **Tisrif ta' Ċekkijiet tal-Bank Ċentrali jew tal-BOV għand il-kaxxier** - €5.00 | Iddepożita ċ-ċekkijiet tal-Bank Ċentrali jew tal-BOV permezz tal-ATM jew fiċ-Cheque Deposit Box fil-Fergħa.<br><br>Jekk tuża l-ATMs avvanzati (mit-Tnejn sal-Ġimgħa sal-5pm) iċ-ċekk ikun depożitat fil-kont tiegħek fi żmien siegħa! Tista' mbagħad tiġbed l-ammont li għandek bżonn. M'għandekx għalfejn tistenna fil-queue tal-Fergħa!<br><br>Lista ta' ATMs li jaċċettaw depożiti ta' ċekkijiet u flus kontanti<br><br>Evita keded bla bżonn u rranġa biex tibda tirċievi pagamenti direttament fil-kont. Tkellem mal-entità jew l-individwi li għadhom qed iħallsuk biċ-ċekkijiet. |
| Ħruġ ta' **Bill Payable / Local Banker Draft -** €5.00 | Uża l-BOV Internet Banking jew Mobile Banking biex tħallas lil xi ħadd meta trid u fejn trid! **M'għandekx bżonn tmur il-Bank.** |
| **Offiża fuq Ċekkijiet** - €30.00 fuq kull ċekk<br><br>Penali fuq ċekkijiet maħruġa li jkunu jaqbżu l-ammont li jkollok fil-kont, irrispettivament jekk il-Bank jiddeċidix li jonora jew le, iċ-ċekk maħruġ<br><br>**Offiżi Ripetuti** – iktar minn 3 offiżi f'xahar relatati ma' ċekkijiet - €10.00<br><br>**Offiżi ripetuti fit-tieni xahar** - €10.00<br><br>**Offiżi ripetuti fit-tielet xahar** – jiġi rtirat iċ-chequebook/s | Aċċerta ruħek li meta toħroġ ċekk, għandek flus biżżejed fil-kont. Jekk toħroġ ċekkijiet li jaqbżu l-bilanċ tiegħek, b'mod ripetittiv, il-Bank jista' jirtiralek iċ-chequebook/s<br><br>Ftakar li meta toħroġ ċekk li ma jkunx jista' jiġi onorat, tkun qed twettaq reat kriminali.<br><br>Naqqas l-użu taċ-ċekkijiet u għal serħan il-moħħ agħmel użu minn firxa ta' mezzi alternattvi ta' kif tgħaddi l-pagamenti. Fosthom permezz tal-BOV Cards, BOV Pay, BOV Mobile to Mobile Payments, BOV Internet Banking u BOV Mobile Banking. |
| Ordni ta' **Ċekkijiet f'Munita Barranija** (apparti tariffi relatati ma' banek barranin) - € 35.00 | **Uża l-BOV Internet Banking għal pagamenti orħos f'muniti barranin.** Tista' wkoll tuża l-BOV Cashlink Visa jew il-BOV Credit Card biex tħallas terzi persuni barranin mingħajr ħlas. |
| **Ordni ta' Chequebooks**<br><br>• 20 ċekk - €1.50 kull chequebook (inkluża l-posta)<br><br>• 40 ċekk - €2.50 kull chequebook (inkluża l-posta)<br><br>Tariffa għal Min Qed Joħroġ iċ-Ċekkijiet<br><br>Tariffa għall-klijenti jew negozji li qed joħorġu ċ-ċekkijiet<br><br>Klijenti li joħorġu iżjed minn 100 ċekk fis-sena jeħlu tariffa ta' €100 u €1.00 għal kull ċekk li joħroġ sussegwentament. Iġifieri jekk toħroġ 101 ċekkijiet f'sena (Jannar-Diċembru), tħallas €101 | **Għalfejn tuża ċ-Ċekkijiet?**<br><br>Uża l-BOV Internet Banking, BOV Mobile, BOV Mobile to Mobile Payments, BOV Pay, BOV Cards, direct debits, standing orders u batch payments biex tħallas b'mod sigur u bi ħlasijiet baxxi jew kompletament b'xejn. |
| **Stampi ta' Ċekkijiet** (Cheque Image) - €1.25 / għal kull stampa | Tista' taċċessa cheque images b'xejn permezz tal-BOV Internet Banking x'ħin trid:<br><br>1. Illogja fuq il-BOV Internet Banking<br>2. Agħżel '**Flus Tiegħi**'<br>3. Iklikkja '**Nara Kopja ta' Ċekk**'<br>4. Agħżel il-Kont Kurrenti li trid u niżżel in-numru taċ-ċekk li trid<br>5. Agħżel '**Ara**' |

## SERVIZZ TA' PAGAMENTI

| Tariffi riveduti mill-1 ta' Settembru | Għajnuna dwar kif tista' tiffranka l-flus fuq it-tariffi |
|---|---|
| **Standing Orders**<br><br>Tariffa li tapplika meta ssir mill-Fergħa jew mill-Uffiċċju - €2.50 | Tista' toħloq Standing Order b'xejn mill-BOV Internet Banking:<br><br>1. Illogja fuq il-BOV Internet Banking<br>2. Agħżel '**Pagamenti Tiegħi**'<br>3. Klikkja '**Oħloq Standing Order Ġdida**'<br>4. Daħħal id-dettalji neċessarji<br><br>Standing Orders ġodda jkunu viżibbli fi żmien jumejn ta' xogħol mid-data ta' meta jiġu kkreati.<br><br>Tista' wkoll tikkanċella Standing Orders minn '**Amministra l-Pagamenti**'. |
| **Standing Order mhux proċessati** - €20.00<br><br>(eż. Minħabba nuqqas ta' fondi fil-kont) | Aċċerta ruħek li għandek biżżejjed flus fil-kont qabel id-data tal-istanding order. Iċċekkja l-bilanċ tal-kontijiet. |
| **Ħlas ta' Kontijiet mill-Fergħa** - € 2.50<br><br>Tariffa li tapplika għall-klijent li qed iħallas il-kont.<br><br>Ma tapplikax fuq ħlasijiet marbuta ma' servizzi tal-BOV | **Għalfejn tistenna fil-kju biex tħallas il-kontijiet?**<br><br>Tista' tħallas il-kontijiet b'xejn permezz tal-BOV Internet Banking u l-BOV Mobile Banking meta trid minn fejn trid. Tista' wkoll tħallas bil-BOV Card direttament mill-website ta' min qed joffrilek is-servizz.<br><br>Ħallas il-kontijiet permezz tal-BOV Internet Banking:<br><br>1. Illogja fuq il-BOV Internet Banking<br>2. Agħżel '**Pagamenti Tiegħi**'<br>3. Klikkja '**Inħallas Kont**'<br>4. Daħħal id-dettalji neċessarji<br><br>Ħallas il-kontijiet permezz tal-BOV Mobile Banking billi:<br><br>1. Tillogja fuq il-BOV Mobile Banking<br>2. Agħżel '**Payments**'<br>3. Agħżel '**Pay a Bill**'<br>4. Daħħal id-dettalji neċessarji |

## BOV CARDS

| **Tariffi riveduti mill-1 ta' Settembru** | **Għajnuna dwar kif tista' tiffranka l-flus fuq it-tariffi** |
|---|---|
| **Cards ġodda miġbura** mill-Fergħa jew mill-Head Office €10.00 | **M'għandekx għalfejn tiġbor il-Card.** Nibgħatuhielek b'xejn bil-posta. |
| **Credit Card Late Payment Fee**: Mit-tieni xahar 'il quddiem €15 fix-xahar | Hemm diversi modi x'tista' tagħmel biex tevita li teħel penali jekk ma tħallasx il-card fil-ħin!<br><br>• Issettja standing order fuq kwalunkwe credit card<br>• Issettja direct debit mandate fuq BOV Visa Gold u Platinum<br>• Uża l-faċilità ta' future dated function mill-BOV Internet banking u ppjana trasferimenti bil-quddiem mill-kont tat-tfaddil għal fuq il-credit card.<br>• Sempliċiment oħloq notifika fuq personal calendar u trasferixxi l-flus mill-BOV Internet Banking.<br><br>Tista' tikkrea Standing Order b'xejn mill-BOV Internet Banking:<br><br>1. Illogja fuq il-BOV Internet Banking<br>2. Agħżel '**Pagamenti Tiegħi**'<br>3. Klikkja '**Oħloq Standing Order Ġdida**'<br>4. Daħħal id-dettalji neċessarji<br><br>Standing Orders ġodda jkunu viżibbli fi żmien jumejn ta' xogħol mid-data ta' meta jiġu kkreati.<br><br>Tista' wkoll tikkanċella Standing Orders minn '**Amministra l-Pagamenti**'. |
| **Stampar mill-ġdid ta' Rendikonti**<br><br>€1 għal kull paġna u €25 għal kull rendikont fuq rendikonti maħruġa qabel is-Sena Finanzjarja 2000 | **Rendikonti jinħarġu kull xahar**. Hu ħsieb żomm dan ir-rendikont f'post sigur għall-meta tiġi bżonnu biex ma jkollokx għalfejn terġa' titlob stampar mill-ġdid.<br><br>Tista' taċċessa wkoll ir-rendikont permezz tal-BOV Internet Banking.<br><br>Rendikonti elettroniċi huma aċċessibbli:<br><br>1. Illogja fuq il-BOV Internet Banking<br>2. Agħżel '**Flus Tiegħi**'<br>3. Klikkja '**Nara Kopja ta' Rendikont**'<br>4. Agħżel il-Kont Bankarju li trid u l-perjodu li għandek bżonn<br>5. Ara l-lista, issejvja bħala pdf, printja jew ordna rendikont uffiċjali |
| **Stampar ta' kopja ta' Rendikont għall-klijenti eżistenti tal-BOV 24x7 Internet Banking**<br><br>€1 għal kull paġna u €25 għal kull rendikont fuq rendikonti maħruġa qabel is-Sena Finanzjarja 2000 | Tista' taċċessa rendikonti tal-card permezz tal-BOV Internet Banking billi:<br><br>1. Illogja fuq il-BOV Internet Banking<br>2. Agħżel '**Flus Tiegħi**'<br>3. Klikkja '**Nara Kopja ta' Rendikont**'<br>4. Agħżel il-Kont Bankarju li trid u l-perjodu li għandek bżonn<br>5. Ara l-lista, issejvja bħala pdf, printja jew ordna rendikont uffiċjali |

**Teħilx flus żejda fuq it-tariffi!**
**Uża servizzi diġitali u alternattivi tal-BOV. Orħos, iktar veloċi u iktar siguri.**